KULLEĠĠ SAN INJAZJU
Sekondarja Bniet, tal-Ħandaq
EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2013/2014

**Rotta 1**

IT-TIELET SENA | **Il-MALTI** | ĦIN: Sagħtejn

Isem u Kunjom: ________________________________________ Klassi: __________

## L-istruzzjonijiet għall-istudenti:

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitluba.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**
3. **Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.**

## GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

### L-ISKEMA TAL-MARKI *(tikteb xejn hawn taħt)*

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E(i) | E(ii) | F | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 22 | 8 | 10 | 15 | 15 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

## KUMMENTI

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## IS-SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

**Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet:**



Kemm għandu kotba z-ziju Pawl fil-librerija. Meta nikber ftit ieħor u nitgħallem naqra sewwa rrid naqrahom kollha. *(par.1)*

Hemm wieħed żgħir aħmar jingħalaq b'ċinga qasira u buttuna, veru jogħġobni. Mimli stampi ta' suldati jimxu, jisparaw għarkupptejhom, bilwieqfa u mimdudin. Kien jaqrah iz-ziju fil-gwerra meta kien surġent. Hemm daqs erbgħin ktieb irqiq jgħidulhom tal-**mogħdija** taż-żmien, mimlijin stejjer tad-daħk. Kultant tkun iz-zija Lieni li taqrali minnhom. *(par.2)*

L-isbaħ kotba huma tmienja kbar, bil-qoxra ħamra, u bl-ittri tad-deheb, fuq l-istorja ta' Malta u tal-Knisja. Hemm żewġ stampi jolqtuni wisq. F'waħda hemm gwerra bis-suldati rekbin fuq l-iljunfanti. Fl-oħra hemm żewġ bastimenti f'xatt b'baħar kristall. Dawn qegħdin jisparaw il-balel lejn xulxin u kaptan minnhom qiegħed jidher jgħajjat biex joħorġu 'l barra mix-xatt. Iz-ziju qalli li dawn kienu pirati. Din l-istampa impressjonatni u minħabba fiha billejl ma statjx norqod. Allaħares kont f'nofs din il-battalja **krudili**. *(par.3)*

Hemm ħafna kotba oħra mimlijin stampi bil-kuluri ta' fjuri, basal u għodda tal-ġnien. Il-fjuri għandhom ismijiet tqal, bil-Latin qalli z-ziju. U tassew qisu l-kliem tal-litanija. L-iżjed stampa li għoġbitni fiha mitħna tar-riħ ħdejn kanal tal-ilma, u għalqa kollha fjuri **jgħajtu**. Iz-ziju joqgħod jistudjahom dawn il-kotba, għaliex issa hu ġennien ma' wieħed sinjur jgħidulu ċ-Ċisk. Barra minn hekk kultant Tittu tal-posta jġiblu xi żrieragħ tal-fjuri. Kemm jirkibha tajjeb ir-rota Tittu! Drabi oħra jġibilna ittri mingħand Salvu ta' Tuneż, bil-bolla li jkun fiha mara b'maktur f'rasha qed ixxerred iż-żerriegħa. *(par.4)*

Il-librerija fiha kexxun dejjem imsakkar. Għandi kurżità kbira nara x'fih, imma għalkemm bil-moħbi ppruvajt iċ-ċwievet kollha, qatt ma rnexxieli niftħu. *(par.5)*

*(Silta meħuda u adattata minn* ***Fuq l-Għajn ta' San Bastjan*** *ta' Kilin)*

## A. FEHIM IT-TEST (10 marki)

**1.** Aħseb ftit u agħti isem oriġinali lil din is-silta.

_______________________________________________ **(marka)**

**2.** Kif jingħalaq il-ktieb iż-żgħir b'kulur aħmar?

_______________________________________________ **(marka)**

**3.** Agħżel it-tajba. Bejn wieħed u ieħor kemm kien hemm kotba tal-mogħdija taż-żmien?

20 ktieb ❑ 40 ktieb ❑ 60 ktieb ❑ **(marka)**

**4.** Semmi żewġ raġunijiet li jagħti l-awtur biex juri li t-tmien kotba ħomor kienu l-isbaħ?

a.________________________________________ **(marka)**

b.________________________________________ **(marka)**

**5.** X'kienu jissejħu dawk in-nies li jisparaw il-balel lil xulxin minn fuq il-bastimenti?

________________________________________ **(marka)**

**6.** X'kien l-aħħar xogħol taz-ziju Pawl?

ġennien ❑ pustier ❑ suldat ❑ **(marka)**

**7.** Iz-ziju kien jieħu interess f'xogħlu meta kien jaħdem maċ-Ċisk? Agħti r-raġuni għall-fehma tiegħek.

________________________________________ **(marka)**

**8.** Immarka t-tweġiba t-tajba: Tittu jiġi l-kuġin tat-tfajjel li qed jirrakkonta din l-istorja.

Veru ❑ Falz ❑ Ma ssemmietx ❑ **(marka)**

**9.** X'taħseb li kien fih il-kexxun imsakkar tal-librerija?

________________________________________ **(marka)**

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (22 marka)

### LESSIKU / VOKABULARJU

**1.** Sib mis-silta kelmiet li jfissru dan li ġej:

a. post fejn jinżammu l-kotba:________________________________________ **(marka)**

b. wieħed li jieħu ħsieb il-ward, ix-xitel u s-siġar:________________________________________ **(marka)**

**2.** Agħżel tifsira t-tajba tal-kliem magħżul mis-silta u aqta' sing taħtha:

| | Kelma | Tifsira |
|---|---|---|
| **a** | mogħdija *(par.2)* | passaġġ, passatemp, ħwejjeġ mgħoddijin bil-ħadid. |
| **b** | krudili *(par.3)* | interessanti, ta' min joqgħod fuqha, kerha. |

| | | |
|---|---|---|
| **ċ** | jgħajtu *(par.5)* | kuluri qawwija, twerżiq, vuċi għolja. |

**(3 x 1 marka)**

**3.** Sib il-kelma mis-silta li tifsser:

a. ċatt mal-art *(par.2)* ____________________ **(marka)**

b. ċar ħafna *(par.3)* ____________________ **(marka)**

ċ. lwien *(par.4)* ____________________ **(marka)**

## ANALIŻI TESTWALI

**1.** Il-kelma *hemm (par.2)* għal liema post qiegħda tirreferi?

għal-librerija ❑ għaz-zija Lieni ❑ għall-ktieb ❑ **(marka)**

**2.** *Drabi oħra jġibilna (par. 5)*. Din il-frażi turi li Tittu kien iġib l-ittri minn Tuneż:

**(a)** darba iva u darba le ❑

**(b)** darba fil-ġimgħa ❑

**(ċ)** kultant żmien ❑ **(marka)**

## SINTASSI

**1.** Ikteb din is-sentenza b'mod differenti filwaqt li żżomm l-istess tifsira:

*"Ejja naqraw xi storja mill-ktieb tal-mogħdija taż-żmien", qaltli z-zija Lieni.*

____________________________________________

____________________________________________ **(marka)**

## GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA: Aqra dan il-paragrafu u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

**Thomas kisser il-vażun u spiċċa tfarrak f'elf biċċa. Tbikkem u tħawwad meta ftakar kemm il-vażun kien għal qalb ommu. Dawwar ħarstu n-naħa l-oħra u dabbar rasu minn fuq ix-xena tad-delitt u mar 'il barra! Il-ħġieġ ntrifes minn ommu u din mill-ewwel xammet xi ħaġa tinten. Ħarġet tgħajjatlu quddiem sħabu kollha u xħin Thomas sema' ismu, hu ħmar. Mar staħba wara ċint imma ommu qabditu u kellu jiskuża ruħu. Wegħidha li mhux ser jerġa' jagħmel hekk.**

**Immarka l-kaxxa t-tajba b'sinjal ✓ :**

**1.** Dan huwa verb tat-tieni forma:

tħawwad ❑ tbikkem ❑ kisser ❑ **(marka)**

**2.** Il-verb *staħba* huwa:

tal-10 forma ❑ tas-6 forma ❑ tat-2 forma ❑ **(marka)**

**3.** Il-verb *ntrifes* huwa:

tas-6 forma ❑ tas-7 forma ❑ tal-1 forma ❑ **(marka)**

**4.** Dan huwa eżempju ta' verb dgħajjef:

kiser ❑ rifes ❑ mar ❑ **(marka)**

**Imla l-vojt mill-għerq skont il-parentesi.**

*Eż: It-teżor* **insteraq** *(verb tas-seba' forma minn s-r-q) mill-ħalliel.*

Pawlu (*verb tat-tielet forma minn* ***q-għ-d***) _______________ il-vażun li (*verb tat-tieni forma minn* ***k-s-r***) _______________ mal-iskart. Iżda hu kien għadu b'xokk u bil-kemm (verb *tal-ħames forma minn* ***k-l-m***) _________________. Ommu malajr indunat li għamel xi ħaġa ħażina. Meta ommu ntebħet bil-vażun imkisser, Pawlu (*verb tas-sitt forma minn* ***r-għ-d***) ________________ bil-biża' u (verb *tal-għaxar forma minn* ***ħ-b-j***) _________________ jiġri taħt is-sodda! **(5 x 1 marki)**

## Ċ. Il-QWIEL u L-IDJOMI (8 marki)

**1. L-Idjomi:** Poġġi dawn in-numri ta' dawn l-idjomi dwar **l-Annimali** fil-kolonna t-tajba:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | qishom kelb u qattu | | tingħad għal min imut f'daqqa mingħajr ma jħallik tindunda li se jmut. |
| 2. | jorqod mat-tiġieġ | | jilgħabha li ma jafx filwaqt li jkun jaf. |
| 3. | jilgħab tal-ors | | tingħad għal tnejn li, kif jaraw lil xulxin jibdew jiġġieldu. |
| 4. | miet bħal għasfur | | jingħad għal min iħobb jistrieħ kmieni, hekk kif jibda jbexbex id-dlam. |

**(4 x 1 marki)**

**2. Il-Qwiel:** Din is-sena ltqajna ma' qwiel li jitkellmu dwar **Ix-Xorti u l-Fidi**. B'xi mod kollha jiddeskrivu kif fil-ħajja daqqa tiġik tajba u daqqa tiġik ħażin. Kompli dawn il-qwiel:

**1.** Agħtini xortija u **i**_________________ **l-b**__________________ daqskemm jien iffortunat fil-ħajja.

**2.** Alla biss **j**_________ **x'**_________ **ġ**__________ f'dawn il-ġimagħtejn ta' studju għall-eżamijiet.

**3. Il-f**____________________ għall-iżvinturat l-għaliex dejjem jeħel hu.

**4.** Fil-ħajja **t**____________________ **f**_________ **w**____________________ u tkanta vittorja.

**(4 x 1 marki)**

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (10 marki)

**Agħżel A jew B:**

**A. Ikteb avviż ta' madwar 60 kelma f'ġurnal lokali dwar attività li se ssir fir-raħal tiegħek biex jinġabru l-flus għall-karità.** Dawn huma xi punti li jistgħu jgħinuk: *fejn ser issir l-attività? Hemm parkeġġ? Biex tidħol bil-ħlas? Għal min se jinġabru l-fondi? Se jkun hemm bħala divertiment? Se jkun hemm kantanti lokali? Se jkun hemm ikel? Fi xħin tibda u tispiċċa l-attività?*

*JEW*

**B. Ikteb reklam ta' madwar 60 kelma dwar ħanut tas-sbuħija li għadek kif ftaħt fir-raħal tiegħek.** Din hija xi għajnuna li tista' tgħinek: *fejn qiegħed il-ħanut tiegħek? Huwa aċċessibbli minn kulħadd? Kemm huma l-prezzijiet? X'servizzi toffru? Il-ħanut huwa attraenti? Iddum tistenna? X'jgħidu n-nies fuq il-ħanut tiegħek? Għandek numru fejn il-klijenti jistgħu jikkuntattjawk?*

## E(i) Il-LETTERATURA – Il-POEŻIJA - Nadriet 3 (15-il marka)

**A. Immarka fil-kaxxa t-tajba.**

**1)** *Pitirross* kitibha Ġorġ Borg Veru ☐ Falz ☐

**2)** Il-pitirross jiġi fil-Milied biex iġedded il-ħmura ta' sidru Veru ☐ Falz ☐

**3)** *Pitirross* hija poeproża Veru ☐ Falz ☐

**4)** Il-pitirross iħossu mdejjaq minħabba l-imġiba tal-bniedem Veru ☐ Falz ☐

**5)** *Pitirross* hija bbażata fuq leġġenda Veru ☐ Falz ☐

**(5 x 1 marki)**

**2. Daħħal in-numru fil-kolonna t-tajba :**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | *Arizona* hija poeżija | | deżert għatxan. |
| 2. | Il-poeta jqabbel lilu nnifsu ma' | | ħolma ta' serħ u poeżija. |
| 3. | Binhar id-deżert hu | | l-metafora u l-alliterazzjoni. |
| 4. | Billejl id-deżert isir | | miktuba minn Achille Mizzi. |
| 5. | F'*Arizona* l-poeta juża | | ħuġġieġa ta' nirien. |

**(5 x 1 marki)**

**3. F'madwar 25 kelma, ikteb il-ħsieb ta' WAĦDA minn dawn il-poeżiji:**



***Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti* ta' Ġorġ Borg**

**JEW**

***Waħdi* ta' Dun Karm**



**(5 marki)**

## E(ii) Il-LETTERATURA – Il-PROŻA (15-il marka)



**A.** Dawn il-mistoqsijiet huma fuq in-novelli mill-ktieb *Stejjer Għal Qabel Jidlam* ta' Oliver Friggieri.

**1. Imla l-vojt bil-kliem ta' hawn taħt:**
**Ix-Xemx fuq it-Tieqa**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| irjieħ | fehem | maltemp | tkellmu | Oskar |
| problemi | tieqa | jistordi | xemx | dlam |

____________ ikun qiegħed f'kamartu b'ħafna karti quddiemu. Ix-__________ tidħol minn bejn il-purtieri u hu jiftaħ it-tieqa beraħ biex iħalliha ddawwal il-kamra. Malli jagħmel hekk, ix-xemx tibda ____________ u tħeġġu biex iħares lejha, iżda Oskar ma jkunx irid għax jgħammex għajnejh. Għalhekk, jagħlaq it-tieqa u jmur jorqod fid-_______________.
Ix-xemx titlob l-għajnuna tal-____________ biex tkun tista' tkellem lil Oskar. Bl-irjieħ li jonfħu fuq il-kamra ta' Oskar, it-____________ tinqala' minn postha u taqa' fl-art. F'dak il-waqt, il-_____________ jgħaddi u x-xemx terġa' tidħol fil-kamra ta' Oskar. Ix-xemx terġa' tħeġġu biex iħares lejha u din id-darba Oskar jaċċetta. Jibqa' jħares lejha sakemm _____________ u jaqa' fl-art. Meta sħabu jiġu jfittxuh, isibuh mejjet iżda ma jkunux jistgħu jagħlqulu għajnejh. Oskar ikun ____________ kollox u ma baqax jgħix fid-dlam u l-maltemp tal-___________ tiegħu. **(10 marki)**

**2. F'madwar 40 kelma rrakkonta fuq WAĦDA minn dawn l-istejjer fi kliemek:**



***L-Ewwel Telefonata***
**JEW**
***It-Tifel tal-Baħar***



_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

__________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(**5 marki)**

**B.** Dawn il-mistoqsijiet huma fuq in-novelli mill-ktieb **Stejjer taċ-Ċarrut** ta' Tarċisio Zarb.

**1.** Fejn kien mar jgħix James Grech wara li telaq lil ommu?

villa ❑ dar ❑ gabuba ❑ **(marka)**

**2.** Kompli din is-sentenza:
James Grech biddel id-dehra tiegħu għax ________________________________________(**marka)**

**3.** Wara żmien twil ta' xita u maltemp, iż-żerriegħa li ma gergritx ħarġet rasha minn:

ġol-art ❑ ġol-ħamrija ❑ ġol-ilma ❑ **(marka)**

**4.** Luca kien baqa' ħaj **(a)** sena, **(b)** ġimgħa, **(ċ)** xahar, wara l-inċident li kellu? **(marka)**

**5.** F'**Ikteb Poeżija** l-għalliema ma spjegatx b'mod tajjeb kif l-istudenti għandhom jiktbu poeżija?

Veru ❑ Falz ❑ **(marka)**

## F. Il-KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **WIEĦED** minn dawn u ikteb madwar 250 kelma. **(Ikteb fuq karta oħra.)**

**1. L-aħħar darba li kont fuq tal-linja ġralek inċident żgħir u ridt l-art tibilgħek. Irrakkonta din l-istorja.** Biex tikteb l-istorja tista' ddaħħal dawn l-ideat: (*X'kien ġralek? Għaliex stħajt quddiem dawk in-nies kollha? Sirt ħamra? Forsi waqajt? Jew forsi nfetaħlek il-baskett u waqagħlek kollox mal-art? Kien hemm nies li għenuk? Kien hemm min forsi daħak? X'għamilt wara?)*

**2. Ħafna jgħidu li t-*tablets* fil-klassi tal-iskola ser ikunu ta' tfixkil, waqt li oħrajn jgħidu li dawn se jiswew ta' għajnuna kbira lill-istudenti. Iddiskuti.** Dawn huma xi punti li jgħinuk biex

tagħmel il-komponiment argumentattiv aħjar: *(l-istudenti se jkollhom basktijiet eħfef, aktar organizzazzjoni, ma jinsewx il-kotba, min-naħa l-oħra jistgħu joqogħdu jilagħbu minflok isegwu l-lezzjoni, jekk jinkiser x'jiġri?, responsabbiltà żejda)*

**3. Ikkummenta fuq il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-mara meta din tmur taħdem.** Dawn huma xi punti li jgħinuk biex tagħmel il-komponiment argumentattiv aħjar: *(Jekk il-mara se tmur taħdem ser iddaħħal aktar flus għall-familja, irwol fis-soċjetà u tiltaqa' man-nies. Jekk il-mara se tmur taħdem se tiltaqa' anqas mal-familja, kunfidenzi żejda, aktar stress)*

**4. Il-veduta mit-tieqa tal-klassi.** Dawn huma xi punti li jgħinuk biex tagħmel il-komponiment deskrittiv aħjar: *(ħwienet, nies jippassiġġaw, baħar, siġar, fjuri, sħab, is-sema, natura, storbju, kwiet, għajjat, karozzi)*

***Pjan tal-Kitba:***



***In-Numru tal-komponiment***

▼